**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D**

**Appell Nru: 362/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Siro Lanzon**

Illum, 27 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Siro Lanzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0431187(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-25 t'April 2024, bejn il-ħinijiet tal-17:15hrs (ta' wara nofsinhar) u l-22:30hrs (ta' bil-lejl) ġewwa Sliema u f'diversi postijiet oħra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin f'ħinijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li kienu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda –

1. Ikkaġuna lis-sieħba tiegħu u ċioe' Elizabeth Tabone, u li tgħix fl-istess dar mal-ħati, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha;
2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Elizabeth Tabone f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiza ta'

natura ħafifa fuq is-sieħba tiegħu, u ċioe' l-istess Elizabeth Tabone, hekk kif ġiet iċċertifikatha minn Dr Daniela Mifsud MD 8711 miċ-ċentru tas-saħħa ta' Paola;

3. Ħebb għas-sieħba tiegħu Elizabeth Tabone sabiex jiġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara b'xi mod;
4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lis-sieħba tiegħu, u ċioe' Elizabeth Tabone jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
5. Saq jew prova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura b'numru ta' reġistrazzjoni FAS442 tal-għamla Maruti 800 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 26 ta' Ġunju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(d), Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 251B(1), 251H(a), 251H(b), 251HA, 202(h)(v), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 214, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 339(1)(d) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta fost disposizzjonijiet oħra tal-Liġi, filwaqt li sabet lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonjiet kollha hekk dedotti fil-konfront tiegħu, ikkundannatu billi ordnat li jinħareġ Treatment Order ai termini tal-Artikolu 412D(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat għal tul ta' sentejn (2) biex jiġu indirizzati l-issues relatati m'*anger management*, u problem relatati mal-alkoħol fost issues oħra relatati mal-personalita', l-aspett psikoloġiku u l-karattru tal-istess imputat. Stante li l-parte ċivile stess iddikjarat bil-ġurament tagħha li m'hemmx bżonn u li ma tixtieqx li jkun hemm dan, il-Qorti m'ordnatx Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat, issa l-ħati u lanqas m'hija qed tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 383(1) u l-Artikolu 383(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Stante li ma ġewx nominati ebda esperti f'din il-kawża, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ odjern.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2024, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliġġi piena skont il-liġi b'żieda mal-

Ordni ta' Trattament li ngħatat ai termini tal-artikolu 412D u tikkonfermaha fil-kumplament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju minnu ventilat, l-Avukat Ġenerali jilmenta limitatament dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta jikkontendi illi din naqset milli tinfliġġi l-piena għall-ħames imputazzjoni li dwarha l-appellat kien misjub ħati u għalhekk il-piena erogata u ċioe' dik tal-imposizzjoni ta' Ordni ta' Trattament fit-termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali ma kenitx dik il-piena kontemplata fil-liġi.

Issa, għalkemm l-Avukat Ġenerali jagħmel aċċenn għall-nullita' fis-sentenza appellata madanakollu ma jqanqalx dan il-preġudizzjali. Din il-Qorti madanakollu għandha is-setgħa tagħmel dan *ex officio* u dan anke fid-dawl tal-aggravju imqanqal mill-Avukat Ġenerali li jġorr miegħu bħala konsegwenza in-nullita' tas-sentenza appellata meta l-Ewwel Qorti naqset mnili teroga piena fil-konfront tal-appellat għar-reati li dwarhom kienet qed tinstab il-ħtija.

Illi, huwa minnu li mhux kull irregolarita' jew impreċiżjoni li tista' tirriżulta f'sentenza deċiza mill-Ewwel Qorti twassal awtomatikament għan-nullita' ta' l-istess. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jistipula r-rekwiżiti li sentenza jrid ikollha biex tali tkun waħda valida:–

> **Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, <u>tagħti l-piena</u> u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat. <u>(enfazi tal-Qorti)</u>**

Illi, ġie stabbilit b'mod kostanti li sentenza li tkun nieqsa minn xi waħda mill-formalitajiet appena msemmija hija meqjusa bħala waħda nulla ai fini u l-effetti kollha tal-liġi. Ħarsa akkurata lejn is-sentenza appellata turi li għalkemm l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex issib ħtija fl-appellat għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u dana in vista tal-ammissjoni nkondizzjonata minnu magħmula, hija pero' naqset milli teroga l-piena għall-infrazzjonijiet tal-liġi minnu komessi. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti ordnat li jinħareġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-appellat, imma dan mhuwiex ikkonsidrat bħala piena fit-termini tal-Liġi iżda jikkostitwixxi miżura addizjonali għal piena mposta. Fil-fatt, l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Kriminali jsemmi dawk li huma l-pieni li jistgħu jiġu mposti f'kas ta' sejbien ta' ħtija: -

**7.(1) Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet li tagħmel il-liġi, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għad-delitti, huma –**

**(a) il-priġunerija;**

**(b) ir-reklużjoni;**

**(ċ) l-interdizzjoni;**

**(d) il-multa.**

Illi, huwa pależi, għalhekk, li Ordni ta' Trattament, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, mhix piena *ad hoc* ipprospettata mill-liġi, bħal per eżempju kif jiġri meta l-Qorti timponi il-garanzija fit-termini ta'l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali fejn hemmhekk il-leġislatur speċifikatament ried illi din il-miżura tingħata "**flimkien mal-piena <u>jew minflok</u> il-piena applikabbli għar-reati**", liema diċitura, iżda, ma hijiex adoperata fl-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, liema miżura addizjonali hija waħda fakoltattiva għal Qorti meta tiġi biex, fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-liġi, tqis liema hija dik il-piena l-aktar idonja fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kemm fil-kwalita' kif ukoll fil-kwantita'. Illi *di piu'*, żgur u mhux forsi illi għar-reat imfassal fil-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta l-miżura maħsuba fl-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali mhijiex dik ikkontemplata fil-liġi, bl-Ewwel Qorti għalhekk, kif sewwa jikkontendi l-Avukat

Ġenerali, kellha tgħaddi biex tginfliġġi l-piena li jikkontempla l-leġislatur għal dan ir-reat.

Illi kif deċiż minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta:

**1. Illi qabel tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, din il-Qorti tosserva illi s-sentenza appellata hija karenti minn element essenzjali ghal-validita' taghha konsistenti fin-nuqqas ta' formalita' essenzjali kif mitluba fuq piena ta' nullita fl-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti ghazlet illi ma tkunx konformi u tiddipartixxi minn dak tassattivament mitlub minn dan l-artikolu li, fis-semplicita' tieghu jitlob biss li meta il-qorti "..taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dak ikun gie misjub hati, taghti lpiena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat". Fil-kaz hawn skrutinat, wara li l-ewwel Qorti sabet htija fl-appellant, minflok li ghaddiet sabiex teroga l-piena, imponiet fuqu kondizzjonijiet ravvizati fl-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali intizi biex iharsu s-sigurta' tal-parti offiza matul u sakemm jintemmu l- proceduri penali. L-ewwel Qorti imponiet ukoll ordni ta' trattament kif kontemplat fl-artikolu 412D, izda dan seta isegwi biss wara li tkun kominata l-piena ghar-reita';**

**2. L-appellant kien misjub hati ta' ksur tal-artikolu 339(1)(b) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-ligjiet ta' Malta li igorru maghhom l-piena ghall-kontravvenzjonijiet, igifieri, skond l-artikolu 7(2) d-detenzjoni ghal massimu ta' xaharejn jew skond kif provut mod iehor (artikolu 12(2), l-ammenda massimu ta €58.23 (art 13 (1) sakemm mhux provdut mod iehor, canfira jew twiddiba. Issa, skond l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tista' minflok il-piena jew flimkien maghha sabiex jinzamm l-ordni pubbliku, torbot lil-hatja b'obligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus. Huwa biss f'din l-istanza u kull fejn jipprovdi l-Kodici Kriminali jew ligi ohra fejn Qorti tista' taghzel li minflok il-piena timponi kondizzjoni konsimili u b'hekk xorta wahda jkun sodisfatt il-vot tal-artikolu 382. Fejn dan mhux**

**provdut, allura l-Qorti ma tistax marte proprio tassumi tali poter** ***sic et simplicitur;***[1]

Magħmula dawn il-konsiderazzjoni u fid-dawl tal-fatt illi s-sentenza appellata hija karenti mill-formalitajiet meħtiega ai fini ta' validita', il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li tiddikjara s-sentenza appellata nulla, u bis-setgħa mogħtija lilha fl-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-każ mill-ġdid.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2024 irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kwindi l-Ewwel Qorti għaddiet biex issib ħtija għar-reati kollha lilu mputati. Jikkonsegwi għalhekk illi ġaldarba l-appellat ma intavola ebda appell mis-sentenza fir-rigward tal-mertu, l-Qorti tqis illi dik l-ammissjoni hija waħda valida u li saret skont il-liġi meta l-appellat kien debitament assistit mid-difensur tiegħu u fejn l-Ewwel Qorti osservat id-dettami kollha impost fl-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali.

Issa meta tiġi biex tqies liema hija l-piena l-aktar idonja għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni dak iddikjarat mill-parti offiża Elizabeth Tabone fix-xiehda tagħha tal-15 ta' Mejju 2024 fejn hija xtaqet illi l-appellat imur lura d-dar u esprimiet ix-xewqa li tgħinu jegħleb il-problemi li għandu tal-vizzju tax-xorb. Il-Qorti minn naħa l-oħra lanqas tista' tinjora il-fedina penali tal-appellat li mhijiex waħda nadifa fejn kien misjub ħati ta' reati marbuta mal-pussess ta' droga, serq aggravat, vjolenza u theddid, oltre reati oħra marbuta ma' infrazzjonijiet tal-liġijiet tat-traffiku.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara is-sentenza appellata nulla u bla effett skond il-liġi u bis-setgħa lilha mogħtija fl-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu, u wara li rat l-Artikoli 17(d)(h), Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 251B(1), 251H(a), 251H(b), 251HA, 202(h)(v), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 214, l-Artikolu 214, 221(1), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 339(1)(d) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-**

[1] Il-Pulizija vs Pier Giorgio Buttigieg deċiża 28 ta' Mejju 2018

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 15A(1), 15H(1)(a),(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u L.S. 65.18 Art. 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda, issib lill-appellat Siro Lanzon ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija, liema perijodu ta' priunerija wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed jiġi sospiż għal erba' snin mil-lum. Wara li rat l-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni għal żmien erba' snin mil-lum, b'dan illi l-Uffiċjal Sorveljanti għandu jara li l-ħati jindirizża l-problema li għandu ta' vizzji. Tikkundannah inoltre għal ħlas ta' multa ta' €1,800. Tiskwalifikah milli ikollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' sitt xhur li jibda jiddekorri mid-disgħa ta' għada fil-għodu. Il-Qorti finalment timponi ħames (5) punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenza skont il-ligi. Jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet tal-ufficjal sorveljanti.

Edwina Grima

Imħallef

Notifika: Direttur Probation Services